IŻ-ŻEBBUĠ MARSALFORN

# MILIED 2015

## *ATTIVITAJIET ORGANIZZATI*
## *MILL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ*

### ŻJARA MILL-PRESIDENT TA' MALTA

**Il-Ħadd 20 ta' Diċembru 2015 fl-9.45 ta' filgħodu**, il-Kunsill Lokali flimkien mal-Parroċċa ser inkunu qed nilqgħu fostna lill-E.T. is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta. Għaż-żjara fostna tal-President ta' Malta, ser intellgħu attivita` tal-Milied bis-sehem tal-għaqdiet tal-lokalita` tagħna fi Pjazza l-Assunta, Iż-Żebbuġ. Jekk it-temp ma jkunx jippermetti li l-attivita` ssir fil-beraħ, l-attivita` ser issir fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali Żebbuġ. Fi tmiem tal-attivita`, ser inkunu qed ngħaddu lill-President, l-għotjiet tagħkom ir-residenti għall-Istrina 2015 b' risq il-Malta Community Chest Fund.

Għalhekk ma' dan il-bullettin, qed inqassmu envelops biex min ikun jixtieq jagħmel donazzjoni għall-Istrina. Dawn l-envelops se jkunu qed jinġabru mis-Sindku u l-Kunsillieri flimkien ma' membri tal-Għaqdiet tal-lokalita` **l-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2015 mill-4.00 ta' filgħaxija l-quddiem**. Ser ikun hemm ukoll kaxxi apposta fil-knisja taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn, biex min ikun jixtieq jitfa' d-donazzjoni tiegħu f' din il-kaxxa sal-Ħadd 20 ta' Diċembru 2015 sat-8.00 ta' filgħodu. Waqt li nappellaw għall-ġenerożita` tagħkom għal dan l-għan nobbli, nistednukom biex tingħaqdu magħna fl-attivita` tal-Ħadd biex flimkien nagħtu merħba lill-President ta' Malta.

### KOMPETIZZJONI PRESEPJI

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ ser jorganizza kompetizzjoni tal-presepji. Il-kompetizzjoni hija miftuħa għall-presepji li jsiru fil-lokalita` tagħna. Il-kompetizzjoni ser tkun maqsuma f' żewġ kategoriji, kategorija presepji żgħar daqs sa metru u nofs kubu u kategorija presepji kbar, akbar minn metru u nofs kubu. Dawk li jixtiequ jipparteċipaw f' din il-kompetizzjoni, mitluba biex jinkitbu l-Kunsill **sal-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2015**. Inħeġġu lid-dilettanti kollha biex jinkitbu għal din il-kompetizzjoni. Ir-riżultat tal-kompetizzjoni jitħabbar f' Jum il-Milied fil-quddiesa tal-11.00 ta' filgħodu fil-knisja taż-Żebbuġ.

## ***PARTY* GĦAT-TFAL TAL-LOKALITA`**

**Is-Sibt 26 ta' Diċembru 2015 f' nofsinhar**, ser isir *party* għat-tfal kollha taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn sa 14-il sena fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali taż-Żebbuġ. Ser ikun hemm ikel, logħob u divertiment għat-tfal kollha. Biljetti jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill għall-prezz ta' €2 **sal-Erbgħa 23 ta' Diċembru 2015 ħinijiet tal-uffiċċju**.

## **ĦARĠA F' GĦAWDEX**

Il-Kunsill Lokali ser jorganizza ħarġa għal kulħadd f' Għawdex **l-Erbgħa 30 ta' Diċembru 2015**. Ser inżuru diversi presepji fosthom Betlehem f' Għajnsielem. Ser nitilqu minn Pjazza l-Assunta fl-4.30 ta' filgħaxija. Dawk li jixtiequ jiġu magħna, mitluba jċemplu l-Kunsill biex jinkitbu sat-Tnejn 28 ta' Diċembru 2015 ħinijiet tal-uffiċċju.

## **FIERA FIL-BERAĦ FIŻ-ŻEBBUĠ**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ qed javża li **l-Ħadd 13 ta' Diċembru 2015** għall-ewwel darba ser issir fiera fil-beraħ - monti ġewwa ż-Żebbuġ. Din il-fiera ser issir mill-Kumitat ta' Żebbuġ Rovers FC wara li nħarġu l-permessi kollha meħtieġa mill-Kunsill Lokali; importanti nikkjarifikaw li dawn il-permessi ġew approvata mill-Kunsill b' vot unanimu fl-aħħar seduta tiegħu. Nawguraw lill-Kumitat Żebbuġ Rovers FC kull suċċess għal din l-attivita` tagħhom.

***Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn jixtiequ jawguraw il-Milied it-tajjeb u sena ġdida mimlija risq u paċi.***

**9 ta' Diċembru 2015** **Nru. 11/15**



**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ**
Triq il-Knisja – Iż-Żebbuġ
Nru. tat-tel.: 21563056**** E-mail: zebbug.gozo.lc@gov.mt
Website: iz-zebbuglc.com